**2 ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppa Cappello et.

*versus*

Rosaria Farrugia

**Esekuzzjoni ta' Sentenza kontra l-Werrieta Tad-Debitur. Art. 256, 257 Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Skond il-liġi, wara tlitt snin minn dikinhar li xi wieħed mit-*

*titolu esekuttiv meta, konformement mal-liġi, jiġi esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss fuq talba b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti (art. 256 Kap. 15) u din iċ-ċitazzjoni hi deffem meħtieġa meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, wkoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien qabel imsemmi (art. 257). Meta l-werriet ma jkunx magħruf, jew ikun għad ma ddikjarax jekk hux beħsiebu jaċċetta l-wirt, jiġi maħtur kuratur biex jidher għal dan il-wirt u l-esekuzzjoni titmexxa kontra dan il-kuratur, iż-żmien li fih wieħed jista' jiddikjara jekk iridx jaċċetta l-wirt, ma jissospendix l-esekuzzjoni.*

*Kollox juri li d-domanda b'ċitazzjoni għall-esekuzzjoni ta' sentenza hi dejjem neċessarja meta dik is-sentenza tkun ġiet pronunzjata kontra l-istess debitur u l-esekuzzjoni tagħha tkun sejra ssir kontra l-eredi jew kontra l-wirt, imma mhux meta l-ġudizzju jkun ġie kontestat mill-eredi jew minn kuratur ta' l-eredita.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bieh l-atturi — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji — billi l-konvenuta talbet u otteniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (Numru 28/63 tas-16 ta' Jannar, 1963) kontra l-atturi (bħala eredi ta' Don Paolo Farrugia) in esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-tmienja u għoxrin ta' Jannar, 1960, fil-kawża fl-ismijiet "Rosaria Farrugia vs. Carmelo Farrugia nomine"; u billi fl-imsemmija kawża l-eredita ta' Don Paolo Farrugia kienet kwalifikata bħal eredita ġjaċenti rappresentata minn kuratur, u billi skond *il-liġi l-esekuzzjoni ta' titolu esekutiv ma* tistax tintalab kontra l-werrieta tad-debitur jekk ma ssirx talba apposita permezz ta' ċitazzjoni (artikolu 257 tal-Kapitolu 15) u billi l-konvenuta naqset tagħmel l-imsemmija talba b'ċitazzjoni — talbu illi, għar-raġunijiet premessi jiġu dikjarat nulli l-imsemmi mandat ta' sekwestru u l-esekuzzjoni ta' l-istess mandat; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta u

mingħajr preġudizzju ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi riferibilment għall-imsemmija sentenza u mandat;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u d-dokument minnhom prodotti maċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ssottomettiet illi t-talba hija insostenibili għaliex f'dana l-każ is-sentenza setgħet tiġi esegwita mingħajr ma tiġi osservata *d-disposizzjoni ta' l-artikolu 257 tal-Proċedura Civili. B'riserva* ta' eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fil-ħamsa u għoxrin ta' April, 1963, li biha ġiet eskluża d-domanda ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom — wara li dik *il-Qorti kkunsidrat:—*

Illi fis-16 ta' Jannar, 1963, il-konvenuta talbet u otteniet minn dina l-Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-atturi f'idejn diversi persuni in esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn dina l-istess Qorti fit-28 ta' Jannar, 1960, li biha hi ġiet kanonizzata kreditriċi ta' l-eredita ġjaċenti tar-Reverendu Paolo Farrugia, ħuha, wara li esponiet li l-imsemmija eredita kienet ġiet aċċettata purament u sempliċement mill-atturi kif jirriżulta mis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 1962, fil-kawża in re "Clementina Farrugia vs. Maddalena Farrugia, et." L-atturi qegħdin jitolbu d-deklaratorja ta' nullita ta' dan il-mandat u ta' l-esekuzzjoni.

Illi l-atturi qegħdin jitolbu d-deklaratorja ta' nullita ta' dan il-mandat u ta' l-esekuzzjoni tiegħu in bażi, kif minn-

hom pretiża, tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 257 tal-kap 15 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ma hemmx dubbju li l-kawża msemmija deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 1962, l-atturi ppromovewha bħala eredi puri u sempliċi tar-Reverendu Paolo Farrugia u li anzi huma ġew dikjarati tali bis-sentenza mogħtija fl-istess kawża, u għalhekk skond il-prinċipju "semel haeres semper haeres" jista' jingħad li l-kwalita fl-atturi ta' eredi tar-Reverendu Farrugia tirrisali għall-mument immedjatament wara l-mewt ta' dan l-aħħar, ma l-apertura tas-suċċessjoni tiegħu, u li l-atturi kienu jirrivestu din il-kwalita ta' eredi meta ġiet intavolata l-kawża li ġiet definita minn dina l-Qorti bis-sentenza tat-28 ta' Jannar, 1960. It-titolu tal-konvenuta twieled wara l-mewt tar-Reverendu Farrugia, meta l-atturi, kif ingħad, kienu jirrivestu l-kwalita ta' eredi tiegħu, u kwindi in kontestazzjoni ta' l-istess atturi bħala eredi għaliex fil-kawża msemmija deċiża minn dina l-Qorti l-eredita kienet tinsab rappresentata minflokhom permezz ta' kuratur 'ad litem' debitament nominat mill-Qorti. Għalhekk ma kienx hemm in-neċessita da parti tal-konvenuta ta' l-osservanza tad-disposizzjoni tal-liġi ndikata mill-attur fiċ-ċitazzjoni, għaliex, kif ġie ritenut minn dina l-Qorti (27/6/1881 Chapelle vs. Ciantar — Vol. IX, 466); "la disposizione che, quando si voglia eseguire la sentenza contra l'erede, è sempre necessaria l'autorizazzione, suppone quella pronunziata contro il debitore stesso, e non è gia applicabile quando il giudizio fosse stato contestato coll'erede come tale, e la sentenza data in sua contestazzione".

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom, għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra

l-konvenuta appellata.

Rat ir-risposta tal-konvenuta appellata fejn issottomettiet li s-sentenza hi ġusta u kwindi talbet li tiġi konfermata.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Il-fatt li taw lok għal kawża qegħdin sewwa riassunti fis-sentenza li minna hemm appell.

L-atturi ċċensuraw dik is-sentenza l-għaliex irritenjet li t-talba b'ċitazzjoni għall-esekuzzjoni ta' sentenza kontra l-eredi tad-debitur hi neċessarja meta dik is-sentenza tkun ġiet ottenuta kontra l-istess debitur, u mhux meta — kif fil-każ preżenti — tkun ġiet ottenuta kontra kuratur ta' l-eredita ġjaċenti (billi l-eredi ma kienux konoxxuti jew ma kienux għadhom iddikjaraw l-animu tagħhom fuq l-aċċettazzjoni ta' l-eredita) u l-kreditur, qabel ma kienu għalqu it-tiett snin, jitlob li jesegwiha kontra l-eredi li, sadattant, ikunu saru magħrufa jew li jkunu ddikjaraw li jridu jaċċettaw il-wirt. Fil-fehma ta' l-atturi, anke f'dan il-każ it-talba b'ċitazzjoni hi neċessarja 'l għaliex huma jgħidu — l-artikolu 257 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jagħmel bħala bażi għall-proċedura taċ-ċitazzjoni, mhux jekk is-sentenza ġietx pronunzjata kontra d-debitur jew le, imma jekk hix sejra tiġi esegwita kontra l-eredi jew le, u dan hu magħmul ċar — huma jkomplu jgħidu — bil-kelma "dejjem" (fit-test ingliż bil-kliem "in all cases") użata f'dak l-artikolu li turi li m'għandiex issir id-distinzjoni fuq riferita li ġiet magħmula fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Skond il-liġi, wara tlett snin minn dak in-nhar li xi wieħed mit-titoli esekuttivi seta, konformement għal liġi, jiġi esegwit, l-esekuzzjoni *tista' ssir biss fuq talba b'ċitazzjoni* quddiem il-Qorti kompetenti (art. 256 tal-Kodiċi tal-proċedura ċivili) u din iċ-ċitazzjoni hi dejjem meħtieġa meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma kienx għadda ż-żmien qabel imsemmi (art. 257 (1), kodiċi ċitat): meta l-werriet ma kienx magħruf, jek ikun għad ma ddikjarax jekk hux biħsiebu jaċċetta l-wirt, jiġi maħtur kuratur biex jidher għal dan il-wirt u l-esekuzzjoni titmexxa kontra dan il-kuratur (art. 257 (2) kodiċi ċitat); iż-żmien li fih wieħed jista' jiddikjara jekk iridtx jaċċetta il-wirt, ma jissospendiex (art. 257 (3), kodiċi ċitat).

Meta wieħed jaqra l-artikolu 257 in konfront ma l-artikolu 256, faċilment jara li l-kelma "dejjem" adoperata mil-liġi tirriferixxi għaż-żmien ta' tlett snin imsemmi f'dak l-artikolu u dana del resto l-liġi tfissru hi stess meta żżid il-kliem "ukoll jekk ma kienx għadda ż-żmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan." Hekk tiġi, kwindi nieqsa l-bażi li fuqha l-atturi poġġew l-argument tagħhom biex isostnu illi l-intenzjoni tal-liġi ma kinietx dik li tagħmel bħala bażi għall-proċedura taċ-ċitazzjoni jekk it-titolu kienx twieled kontra d-debitur u l-esekuzzjoni tiegħu tiġi mitluba, wara mewtu, kontra l-eredi; *fil-każ preżenti, kif l-atturi qalu fil-petizzjoni* tagħhom, jekk is-sentenza ġietx pronunċjata kontra d-debitur jew le.

Kif jidher ċar anke mis-sempliċi lettura taċ-ċitati disposizzjonijiet tal-liġi, dina, meta tirrikiedi dejjem it-talba b'ċitazzjoni għall-esekuzzjoni ta' titolu kontra l-werrieta tad-debitur, tippresupponi li t-titolu kien jeżisti minn qabel il-

mewt tad-debitur, u, kwindi, f'każ ta' sentenza, li dina tkun ġiet pronunzjata in kontestazzjoni ma l-awtur tal-werrieta, u, difatti, il-liġi, wara li tgħid li ċ-ċitazzjoni hi dejjem meħtieġa meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, tkompli tgħid illi meta l-werrieta ma kienx magħruf jew ikun għad ma ddikjarax jekk hux bi ħsiebu jaċċetta l-wirt, jiġi maħtur kuratur biex jidher għal dan il-wirt u l-esekuzzjoni titmexxa kontra dan il-kuratur u dan għaliex il-mewt tad-debitur m'għandix tkun raġuni ta' dannu ngust għal kreditur u ċertament il-kondizzjoni ta' dana kienet tiġi preġudikata kieku l-liġi kienet tikkostringieh jissospendi l-esekuzzjoni sa kemm l-eredi jsiru konoxxenti u jkunu assumew il-kwalita ta' eredi, u għalhekk il-liġi tispiċċa biex tgħid li ż-żmien li fih wieħed jista' jiddikjara jekk iridx jaċċetta l-wirt, ma jissospendiex l-esekuzzjoni. Kollox mela juri li d-domanda b'ċitazzjoni għall-esekuzzjoni ta' sentenza hi dejjem neċessarja meta dik is-sentenza tkun ġiet pronunzjata kontra l-istess debitur u l-esekuzzjoni tagħha tkun sejra ssir kontra l-eredi jew kontra l-wirt, imma mhux meta l-ġudizzju jkun ġie kontestat mill-eredi jew min kuratur ta' l-eredita.

Għal motivi premessi, u għal dawk ta' l-ewwel Qorti in kwantu kompatibbili, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.